



---

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

---

**2017/2024(INL)**

13.9.2017

## **OPINJONI**

mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini  
(2017/2024(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Jarosław Wałęsa

(Inizjattiva – Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA\_INL

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-Kumitat responsabbli:

- biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:
- 1. Iqis li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) tikkostitwixxi strument importanti ta' demokrazija diretta u parteċipattiva, li jippermetti liċ-ċittadini jkunu involuti b'mod attiv fit-tfassil tal-politiki u l-leġiżlazzjoni Ewropej; iqis li l-ECI għandha tkun kemm trasparenti kif ukoll effikaċi; jafferma mill-ġdid l-importanza taċ-ċittadinanza attiva u l-parteċipazzjoni bħala indikaturi tal-eżistenza ta' demokrazija li tiffunzjona u ta' dibattitu politiku aktar inklużiv fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-konsegwenzi tal-kriżijiet ekonomiċi u finanzjarji f'dawn l-aħħar snin u l-impatt tagħhom fuq il-perċezzjonijiet pubbliċi tal-Unjoni;
- 2. Iqis neċessarju li ssir ir-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI)<sup>1</sup>, fi żmien utli, bl-għan li jiġu solvuti n-nuqqasijiet kollha tiegħu billi jiġu proposti soluzzjonijiet effikaċi li jiżguraw li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-ECI jkunu tassew ċari, sempliċi, faċilment applikabbli u proporzjonati;
- 3. Ifakkar li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi d-dritt taċ-ċittadini li jkunu involuti fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u li l-oġettiv tal-ECI huwa li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt; jinnota l-forma restrittiva u oneruża żżejjed tar-Regolament ECI attwali, li tagħmlu diffiċli ħafna biex jintuża;
- 4. Ifakkar li mis-66 ECI ppreżentati, 47 biss kienu rreġistrati mill-Kummissjoni, li minnhom 3 biss ġabru l-miljun firma meħtieġa u l-ebda minnhom ma wasslu għal proposta leġiżlattiva ġdida;
- 5. Jemmen li d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-organizzaturi tal-ECI u l-impatt leġiżlattiv limitat ta' inizjattivi ta' suċċess imminaw il-kredibbiltà tal-ECI, u dan wassal għal tnaqqis fl-inizjattivi rreġistrati;
- 6. Jiddispjaċih li minkejja t-talba uffiċjali tal-Parlament fir-rizzoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej<sup>2</sup>, il-Kummissjoni ma inkludiet ebda referenza fil-programmi ta' ħidma tagħha għall-2016 u l-2017 għar-rieżami tar-Regolament (UE) Nru 211/2011;
- 7. Iqis li l-ECI għad għandha ħafna potenzjal mhux sfruttat li jista' jtejjeb il-mod ta' kif l-Unjoni tiffunzjona għan-nom taċ-ċittadini tagħha; jitlob li ssir reviżjoni u simplifikazzjoni kompluta tal-ECI bil-għan li jingħelbu l-intoppi eżistenti u l-ostakoli burokratiċi, biex b'hekk issir aktar faċli għall-utent u aċċessibbli għaċ-ċittadini;
- 8. Jenfasizza li l-ECI tikkomplementa d-dritt taċ-ċittadini li jippreżentaw petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew u d-dritt ta' appell tagħhom lill-Ombudsman Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu inkunsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew

<sup>1</sup> [Ir-Regolament \(UE\) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini](#) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

<sup>2</sup> Testi adottati, P8\_TA(2015)0382.

u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI) fit-titjib tal-funzjonament tal-ECI;

9. Jissottolinja r-rwol tal-Parlament Ewropew fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni; jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ l-azzjoni tal-Parlament Ewropew fuq l-ECI u l-ftuħ tagħhom;
10. Jistieden lill-Kummissjoni żżid it-trasparenza tal-proċess deċiżjonali tagħha u tikkjarifika b'mod formali l-kriterji ta' ammissibbiltà tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) billi tissostanzja b'mod eżawrjenti r-raġunijiet għall-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tal-ECI fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kollha ppublikati fir-reġistru tal-ECI; jistieden lill-Kummissjoni, fl-interess tal-istabbiliment taċ-ċertezza tad-dritt, tikkodifika d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali fil-kawżi *Anagnostakis vs Il-Kummissjoni*<sup>1</sup>, *Costantini vs Il-Kummissjoni*<sup>2</sup>, *Izsák u Dabis vs Il-Kummissjoni*<sup>3</sup>, kif ukoll dawk li jirrigwardaw l-inizjattivi "Minority Safepack"<sup>4</sup>, "Ethics for Animals and Kids"<sup>5</sup> u "Stop TTIP"<sup>6</sup>, fost oħrajn; jilqa' l-bidla fil-prassi tal-Kummissjoni biex trendi possibbli r-reġistrazzjoni parzjali tal-ECI; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, qabel il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji, tiżgura li l-ECI proposti mhumiex kuntrarji għall-valuri tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, kif ukoll għall-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tadotta approċċ aktar flessibbli għall-proċess ta' reġistrazzjoni u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi tweġibiet dettaljati u soluzzjonijiet possibbli meta inizjattivi jiġu ddikjarati inammissibbli, li jippermettu liċ-ċittadini jemendawhom u jergġhu jippreżentawhom;
11. Jisħaq fuq il-fatt li fis-sentenza tagħha fil-kawża "Stop TTIP" il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-prinċipju tad-demokrazija u l-objettiv sottostanti tal-ECI jirrikjedu interpretazzjoni tal-kunċett ta' atti legali li tkopri atti legali, bħal deċiżjoni sabiex jitniedu negozjati bil-għan li jiġi konkluż ftehim internazzjonali, li b'mod manifest għandu l-għan li jimmodifika l-ordinament ġuridiku tal-UE, bħat-TTIP u s-CETA;
12. Jappella għas-simplifikazzjoni ta' ġbir u l-verifika ta' firem onlajn permezz tal-Softwer għall-Ġbir Onlajn ("OCS") u għal approċċ progressiv biex jiġu indirizzati l-ostakoli teknoloġiċi tal-OCS; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza d-diverġenzi fir-rekwiżiti tad-dejta fis-sistemi nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tan-nazzjonalità u l-post ta' residenza, sabiex jitħeġġu aktar aċċessibbiltà u parteċipazzjoni transfruntiera fost iċ-ċittadini minn Stati Membri differenti; jipproponi li l-Kummissjoni tiġġestixxi sistema tal-OCS bla ħlas, multilingwi, ċentralizzata, permanenti li tkun aċċessibbli wkoll għal nies b'diżabbiltà; jissuġġerixxi li din is-sistema tuża teknoloġiji eżistenti u pprovati għall-pjattaformi onlajn u tippermetti s-sinerġiji mal-midja soċjali rilevanti, l-għoddod diġitali u l-applikazzjonijiet tal-mowbajl sabiex tippromwovi ġbir aktar mifrux ta' firem, u dan għandu jkun suġġett għal kontroll, sabiex jiġi impedit kwalukwe abbuż illegali possibbli; jilqa' l-istħarriġ pubbliku tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' "Pjattaforma Kollaborattiva tal-ECI"; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tissimplifika l-formoli għall-ġbir tal-firem fuq il-karta ħalli trendihom aktar faċli biex jinftiehm u faċli għall-utent; jitlob li l-

<sup>1</sup> ECLI:EU:C:2017:663; ECLI:EU:T:2015:739.

<sup>2</sup> ECLI:EU:T:2016:223.

<sup>3</sup> ECLI:EU:T:2016:282.

<sup>4</sup> ECLI:EU:T:2017:59.

<sup>5</sup> ECLI:EU:T:2017:252.

<sup>6</sup> ECLI:EU:T:2017:323.

- Kummissjoni tiċċara jekk il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-Unjoni tal-formoli ta' dikjarazzjoni ta' appoġġ jistgħux jintużaw fl-Istati Membri tal-UE kollha; jistieden lill-Kummissjoni ttawwal il-perjodu ta' għbir għal 18-il xahar u tippermetti l-kumitati taċ-ċittadini biex b'mod liberu jagħżlu d-data ta' bidu għall-għbir tal-firem, li m'għandiex ma tkunx aktar tard minn xahrejn wara r-reġistrazzjoni; ifakkar fil-pożizzjoni tal-PETI biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni ċivika tal-ġenerazzjoni aktar żagħżugħa permezz tat-tnaqqis tal-limitu tal-età għal 16-il sena għall-appoġġ u l-parteċipazzjoni f'ECI;
13. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jimplementaw regoli aktar sempliċi u uniformi għall-għbir ta' firem onlajn u offlajn f'konformità mal-liġijiet u l-istandards tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta; jistieden lill-Kummissjoni tesplora aktar il-possibilità li jinħoloq reġistru onlajn tal-Unjoni li jkun volontarju u simplifikat fejn iċ-ċittadini jistgħu jiffirmaw ECI;
  14. Jissottolinja l-hteġa li l-partijiet involuti kollha, f'każ ta' inizzjattiva taċ-ċittadini b'eżitu pożittiv, jiżguraw it-tħaffif ta' proċeduri u ż-żmien propizju;
  15. Jappella għal aktar miżuri ta' trasparenza sabiex jiġi aċċertat il-finanzjament tal-ECI u sabiex din l-informazzjoni ssir direttament disponibbli onlajn għall-pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja l-ECI ta' suċċess (jiġifieri dawk li għalihom inġabru miljun firma); jissuġġerixxi li tali finanzjament jipproċedi fuq bażi ta' rimborż tal-ispejjeż li diġà ġġarrbu mill-organizzaturi/kumitati taċ-ċittadini tal-ECI u li preċedentement ġew irreġistrati fir-Reġistru tal-ECI; jistieden lill-Kummissjoni teżamina kemm il-linji baġitarji attwali intiżi għall-finanzjament tal-ECI, bħal fil-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", kif ukoll kwalunkwe programm ta' finanzjament futur għall-ECI, sew jekk joriġina mill-Kummissjoni sew jekk mill-Parlament Ewropew;
  16. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-hteġa reali li jissolvew il-piżijiet ekonomiċi għall-organizzazzjoni ta' ECI sabiex jiġu garantiti opportunitajiet indaqs fost iċ-ċittadini; u jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas l-ispejjeż u l-burokrazija u tipprovdi appoġġ finanzjarju fejn xieraq;
  17. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-ECI permezz ta' kampanji ta' informazzjoni kontinwi u inizzjattivi oħra mmirati lejn it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja pubblika tal-Unjoni; jissottolinja l-hteġa li jiġu indirizzati ostakoli lingwistiċi u ostakoli oħrajn relatati ma' kampanji bejn il-pajjiżi għall-appoġġ tal-ECI; jistieden lill-Kummissjoni toħloq punt uniku onlajn u fiżiku li jkun indipendenti għat-tixrid ta' informazzjoni dwar l-ECI u servizzi ta' konsulenza għaċ-ċittadini, filwaqt li jintużaw ir-riżorsi eżistenti bħaċ-Ċentru Ewropew ta' Kuntatt Dirett b'mod partikolari l-provvista ta' appoġġ fid-definizzjoni ta' bażi legali konformi għal inizzjattiva; jitlob li jkun hemm dispożizzjoni fir-Regolament il-ġdid dwar l-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-ECI fil-livell tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni torbot dawn l-isforzi mal-prinċipji stipulati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni għall-gvern elettroniku għall-perjodu 2016-2020<sup>1</sup>;
  18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tibni fuq il-Jum tal-Inizzjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, organizzat kull sena biex jiġi vvalutat l-istat ta' implimentazzjoni u l-effettività tal-ECI, billi tistabbilixxi pjattaforma ta' dibattitu interistituzzjonali dwar it-titjib tal-ECI bl-

---

<sup>1</sup> (COM(2016) 179 final).

involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura s-segwitu ta' ECI b'eżitu pożittiv, billi tipproduċi proposti leġiżlattivi konkreti jew tipprovdi ġustifikazzjonijiet il-ġhala dan ma sarx, filwaqt li tuża l-potenzjal sħiħ tal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur; jitlob li tinżamm is-sistema attwali ta' nomina tal-kumitati kompetenti fuq bażi tematika skont il-kompetenza, bil-Kumitat PETI bħala kumitat assoċjat; ifakkar fl-importanza ta' seduti ta' smiġh pubbliku bilanċjati u l-iżgurar li jittieħed approċċ inklużiv bil-ħsieb li tiżdied l-attenzenza minn diversi partijiet interessati; jipproponi li jsir dibattitu fil-Parlament Ewropew dwar l-ECI ta' suċċess kollha li jissodisfaw il-kriterji elenkati fir-Regolament, u li dawn id-dibattiti jiġu konklużi bl-adozzjoni ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni; jissottolinja l-importanza tar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar fejn possibbli kemm għall-organizzaturi tal-ECI kif ukoll għall-esperti;
20. Jistieden lill-Kummissjoni ssolvi l-kunflitt ta' interess inerenti fir-rwoli kunfliġġenti attwali tagħha, jiġifieri l-valutazzjoni tal-ammissibbiltà tal-ECI, it-teħid ta' deċiżjonijiet fuq ir-reġistrazzjoni u d-deċiżjoni esklussiva tas-segwitu leġiżlattiv; jinnota r-rwol importanti tal-Ombudsman Ewropew fl-investigazzjoni tal-immaniġġjar tat-talbiet tal-ECI mill-Kummissjoni, u b'mod speċjali każijiet ta' rifjut ta' reġistrazzjoni ta' ECI; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi proċedura ta' konsultazzjoni li tifformalizza l-involvement tal-Parlament Ewropew fl-istadju tar-reġistrazzjoni ta' ECI;
21. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi titjib leġiżlattiv regolari lill-ECI, anke permezz tal-użu tar-rieżami regolari obbligatorju tal-implimentazzjoni tagħha;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI  
OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	7.9.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 16 -: 2 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Beatriz Becerra Basterrechea, Eleonora Evi, Peter Jahr, Rikke Karlsson, Jude Kirton-Darling, Svetoslav Hristov Malinov, Notis Marias, Roberta Metsola, Marlene Mizzi, Gabriele Preuß, Virginie Rozière, Sofia Sakorafa, Jarosław Wałęsa, Tatjana Ždanoka
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anne-Marie Mineur, Demetris Papadakis, Julia Pitera, Rainer Wieland
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Frank Engel, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Monika Hohlmeier, Maria Lidia Senra Rodríguez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>16</b>	<b>+</b>
ALDE Group	Beatriz Becerra Basterrechea
ECR Group	Rikke Karlsson
PPE Group	Frank Engel, Monika Hohlmeier, Peter Jahr, Svetoslav Hristov Malinov, Roberta Metsola, Julia Pitera, Jarosław Wałęsa, Rainer Wieland
S&D Group	Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Jude Kirton-Darling, Marlene Mizzi, Demetris Papadakis, Gabriele Preuß, Virginie Rozière

  

<b>2</b>	<b>-</b>
ECR Group	Notis Marias
EFDD Group	Eleonora Evi

  

<b>5</b>	<b>0</b>
GUE/NGL Group	Anne-Marie Mineur, Sofia Sakorafa, Maria Lidia Senra Rodríguez
Verts/ALE Group	Margrete Auken, Tatjana Ždanoka

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni